# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


16 ta' Frar, 2011

## Minuti tal-laqgha 53(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 53(05) fil-Berga ta' Franza nhar il-Hamis 3 ta' Frar, 2011 fil-5:30 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech - Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Il-Kunsillier Ivan Peresso, kien skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha filwaqt li l-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar kien assenti.
.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 52 (05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.2(52/05) –*Farmer's Market* gewwa l-Birgu

Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex terga' taghmel kuntatt mal-membri ta' din l-assocjazzjoni, sabiex issir laqgha u tigi diskussa f'aktar dettal din l-attivita.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.3 Item 1.3 (52/05) Zvillupi dwar il-progett tal-"Gnien Pubbliku fuq tal-Hawli

Is-Sindku s-sur John Boxall, ipprezenta l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal l-iskema ta' Rigenerazzjoni f'Oqmsa tal-Binjiet tal-Gvern, mahruga mil-Awtorita tad-Djar ghat-tkomplija tal-kostruzzjoni ta' Gnien Pubbliku fuq tal-Hawli. Is-Sindku zied jghid li minn 52 Kunsilli Lokali li kienu eligibbli biex jibbenifikaw min din l-iskema, kienu biss 31 Kunsill li bghatu l-proposti taghhom, fosthom il-Kunsill Lokali tal-Birgu. Barra min hekk is-Sur John Boxall qal li min-naha tal-Kunsill ghad hemm xi nuqqasijiet fil-pjanti li gew pprezentati l-MEPA, u ghaldaqstant l-KNPD ma accetatx l-pjanti mibghuta, ghalhekk , ser issir laqgha fejn ghalija ser ikun hemm prezenti rapprezentanti tal-MEPA, KNPD, l-Perit Duncan Mifsud u s-Sindku, biex fl-ahhar tigi solvuta din il-problema.

1.4 Item 1.5 (52/05) Esebizzjoni temporanja ta' ritratti u impresjonijiet artistici tax-xoghlijiet inkonessjoni mar-restawr tas-swar u l-pavimentar tat-toroq fil-Birgu

Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li l-Ministeru ghar- Rizorsi u l-Affarijiet Rurali ser jipproduci leaflet biex jinforma lir-residenti dwar ix-xoghlijiet li qed issiru fil-Birgu, inkonessjoni mil-progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea u maghmula mil-Gvern Centrali. Barra min hekk hu mahsub li fil-Berga ta' Franza tigi mtella' esebizzjoni temporanja ta' ritratti u impressjonijiet artistic tax-xoghlijiet inkonessjoni mar-restawr tas-swar u l-pavimentar tat-toroq fil-Birgu.

1.5 Item 1.8 (52/05) Laqgha Annwali ta' l-Assocjazzjoni "Walled Towns Friendship Circle"

Is-Sindku, s-sur John Boxall, qal li l-laqgha mas-Sindku tal-Belt Valletta u mas-Sindku ta' l-Imdina, fil-presenza tas-Sur Joe Spiteri, Vici Sindku tal-Belt Valletta u membru ta' l-Ezekuttiv ta' din l-assocjazzjoni u s-Sinjura Miriam Grech sabiex tigi diskussa l-laqgha annwali ta' l-istess l-Assocjazzjoni " Walled Towns Friendship Circle" kienet saret nhar l-Erbgha 2 ta' Frar, 2011. Is-Sindku zied jghid li l-Belt ta' Victoria Gozo, ser tigi nfurmata ukoll biex tissieheb f'din l-assocjazzjoni u tkun parti mill-organizazzjoni. Is-Sur Boxall, qal li gie deciz li l-laqgha annwali ta' din l-assocjazzjoni f'Malta ghandha ssir fl-ahhar kwart tas-sena 2013, biss ikun important li fis-*symposium* li jmis ta' din l-assocjazzjoni, t-tlett Sindki jkunu prezenti u jipprezentaw din il-proposta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.6 Item 1.9 (52/05) Devoluzzjoni ta' l-ewwel sular ta' Couvre Porte

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill qieghed jistenna d-dokument tad-devoluzjoni sabiex jigi ffirmat.

1.7 Item 1.14 (52/05) Attivita f'Lulju, 2011

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li l-Kunsill flimkien mas-sotto-kumitat ghadu qieghed jahdem sabiex f'Lulju, titella' din l-attivita. Is-Sindku zied jghid li l-Grand Harbour Marina, kif ukoll is-sur Kevin Drake, qed jghinu lil Kunsill sabiex din l-attivita tigi organizzata.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.8 Item 2.5(52/05) Kumitat tar-Regjun tax-Xlokk

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li ghalkemm il-Kunsill kien iddelega lil Vici Sindku sabiex jattendi ghal laqghat ta' dan il-kumitat, s-sur Christopher Cassar mhux jattendi. Ghaldaqstant wara diskussjoni gie deciz li l-Kunsilliera Judith Saliba tibda tirraprezenta hi lil Kunsill f'dan il-kumitat. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.9 Item 2.7 (52/05) Kunsill Lokali taz-Zghazagh

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill Lokali taz-zghazagh qieghed jiffunzjona fejn is-Sur Matthew Tabone, gie elett bhala Sindku, filwaqt li s-Sur Eman Formosa gie elett bhala Vici Sindku, u s-Segretarju Ezekuttiv huwa s-Sur Matty Vassallo. Il-Kunsilliera l-ohra huma Geordey Gatt, Kelly Hammett u Lorna Vella. F'dawn l-ahhar laqghat iz-zghazagh kienu qeghdin jiddiskutu dwar progetti li jistghu jigu sottomessi u li jistghu jigu maghzula biex jigu atwati.

1.10 Item 2.11 (52/05) Jum il-Birgu, 2011

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu aktar-il quddiem isejjah laqgha ghal ghaqdiet kollha tal-Birgu, sabiex tigi diskussa l-attivita ta' Jum il-Birgu, 2011. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.11 Item 2.14 (52/05) Proposta mil-Kumpanija ARMS Ltd.

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li l-laqgha mar-rapprezentanti tal-kumpanija ARMS ltd. kienet saret fejn nfurmaw lil Kunsill bil-proposta taghhom, sabiex mil-ufficini amministrattivi tal-Kunsill Lokali tal-Birgu jibda jinghata s-servizz ta' *customer care* ta' din il-kumpanija. Is-Sindku zied jghid li din il-kumpanija ser taghti risposta lil Kunsill Lokali tal-Birgu dwar il-proposti li l-istess Kunsill ressaq lil din il-kumpanija.

1.12 Item 5 (52/05) Impjieg ta' skrivan/a mal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li l-bierah 2 ta' Frar, 2011, saru s-*second interviews* ghal impjieg ta' skrivan/a mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku hawnhekk irringrazzja lil Melvin Attard, ex-kunsillier, li tah l-ghajnuna tieghu waqt dawn l-*interviews* u pprezenta kopja tar-rapport maghmul mis-sur Attard. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill joqghod fuq ir-rekomandazzjonijiet u rapport tas-sur Attard u jaghzel lis-sinjorina Lara Grima, l-kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2 Korrispondenza

2.1 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand is-Sur Louis Xuereb, ghal prezz ta' € 500 biz-zebgha u tberfil jew € 350 minghajr zebgha, ghal arblu sabiex issir fuq il-mina l-gdida li

qed tinbena fi Triq Pawlu Boffa . Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' dik il-kwotazzjoni ta' € 500. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li l-Awtorita tad-Djar habbret skema ohra msejha "Programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern 2011-2016", fejn l-Awtorita qed tniehdi programm ta' manutenzjoni tal-komuni tal-binjiet residenzjali tal-Gvern, mifrux fuq 6 snin fejn ghal kull binja hemm ammont ta' € 5000. Is-Sindku zied jghid li ser ikun hemm laqgha nhar it-Tnejn 14 ta' Frar, 2011, fi siegha u nofs ta' wara nofsinhar dwar din l-iskema ma' Dr. Albert Buttigieg, Kap Ezekuttiv ta' l-istess Awtorita.

2.3 Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie nnominat ghal "Community Involvement Initiative Award" u ghal din ic-cerimonja ser jingibed xi filmat mil-kumpanija "Where's Everybody", fejn talbu ukoll li jintervistaw zewg residenti mil-lokal. Ghaldaqstant is-Sindku ssugerixxa li jintervistaw lis-Sur Charles Camilleri u jekk dejjem hu possibli tinstab persuna ohra femminili. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li l-Onorevoli Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika ser izzur ix-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta' Franza, nhar it-Tlieta 22 ta' Frar, 2011 fis-saghtejn ta' wara nofsinharu enfasizza sabiex il-Kunsilliera ikunu prezenti ghal din iz-zjara.

2.5 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lil Onorevoli Dr.Chris Said, Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar ix-xoghlijiet li saru fil-Berga ta' Franza fejn ntbgahtet lista ta' *invoices* u rcevuti tax-xoghlijiet li diga saru jew li waslu biex jitlestew, fejn l-ispiza totali tammonta ghal € 30,074.88. Is-Sindku fkkar li ittra simili kienet diga ntbaghtet lil Onoveroli Chris Said ftit tax-xhur ilu.

## 3 <u>Approvazzjoni tar-Rapport Aministrattiv</u>

Is-Sindku pprezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport amministrattiv ghas-sena 2010. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova dan ir-rapport u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera prezenti li l-Laqgha Annwali ser issir nhar il-Hamis 17 ta' Frar, 2011, fis-6:30 ta' filghaxija fil-Berga ta' Franza u enfasizza sabiex kulhadd ikun prezenti.

## 4 <u>Zvillupi dwar il-Progett "Seatoland".</u>

Is-Sindku s-sur John Boxall, tah rendikont fuq il-progett parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett "Seatoland", fejn fakkar lil Kunsilliera li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva ser jattendu ghal laqgha li ser issir gewwa l-Belt ta' Livorno, fl-Italja bejn is-6 u d-9 ta' Frar, 2011. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5 Informazzjoni dwar il-progett tal-Berga ta' Franza

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti bix-xoghlijiet li qed issru gewwa l-Berga ta' Franza, fejn prezentament qed issir ir-restawr tas-sala nobile, liema xoghlijiet qeghdin isiru bl-ghajnuna tad-Dhalia Real Estate. Xoghlijiet zghar ohra qedin isiru mil-haddiema ta' l-ETC u l-IPSL.

## 6 Attivita ghal Jum il-Mara

Il-Kunsilliera Judith Saliba ssugeritt sabiex ghal okkazzjoni ta' Jum il-Mara issir harga kulturali ghar-residenti tal-Birgu. Is-Sinjura Saliba ssugerit li din l-harga issir nhar l-Erbgha 16 ta' Marzu, 2011, fejn iziru l-*Malta Falconry Centre* gewwa s-Siggiewi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7 Affarijiet Ohra

7.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kap ta' l-Opozizjoni l-Onor. Dr. Joseph Muscat , ser izzur il-Belt tal-Birgu fuq zjara ufficjali nhar il-Hadd 13 ta' Frar, 2011, fejn din iz-zjara tigi fi tmiema fil-Berga ta' Franza meta jiltaqa' mal-Kunsill.

7.2 Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-ikla li l-Kunsill offra lis-Sindki Palestinjani fejn waqt iz-zjara taghhom fil-Birgu, fejn ghaliha kienu mistiedna l-Kunsilliera bin-nisa u l-irgiel taghhom u l-istaff klerikali, swiet € 754.70

7.3 Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jibda jitlob kwotazzjonijiet ghal kalendarju ghas-sena 2012. Dwar dan kien hemmqbil unanimu.

7.4 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Il-Sinjura Miriam Grech, kunsilliera, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7 :30 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha li jmis issir nhar il-Hamis 24 ta' Frar, 2011 fil-hamsa u nofs ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| ____________________________ | ____________________________ |
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |